MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 339/2010

Kawza fil-lista: 60

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet ikkuntrattaw zwieg fit-30 ta’ April 1993, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, E [16-il sena] u F [8 snin]; li permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni datat 21 ta’ Dicembru 2009 fl-atti tan-Nutar Dottor Rueben Debono, u senjatament fil-klawsola numru tmienja [8] il-partijiet ftehmu, li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta, izda l-minuri jghixu mal-konvenuta, bi dritt favur l-attur ta’ access li l-modalita’ tieghu giet stabbilita fl-istess kuntratt; li il-ftehim dwar il-modalita’ ta’

l-access “qed johloq diversi diffikultajiet u dizgwid bejn il-partijiet, u ghalhekk l-istess ftehim m’ ghadux wiehed prattiku fic-cirkostanzi”; li ghalhekk jehtieg li jkun hemm varjazzjoni f’ din il-parti tal-kuntratt sabiex jigi evitat aktar dizgiwid serju bejn il-partijiet; li noltre l-konvenuta qed tohloq inkwiet ukoll dwar il-bejgh tad-dar komuni tal-partijiet numru disa’ [9] “Velcourt” Triq Salvu Busuttil, San Gwann, stane li ma tridx tottempera ruhha ma dak li hemm pattwit fl-istess kuntratt fil-klawsola numru disa’ [9] billi ma tridx tivvaka l-imsemmi fond; li di piu’ l-konvenuta qed izzomm il-mobbli li ghadhom komuni bejn il-partijiet milli jinbieghu; ghalhekk qed jitlob: [1] li l-imsemmi kuntratt jigi varjat in kwantu jigi varjat il-modalita’ tal-access ta’ l-attur; [2] tinnomina Nutar Pubbliku Malti sabiex jircevi l-att korrettorju; [3] tordna li l-konvenuta tivvaka mill-fond komuni fuq indikat f’ terminu qasir u perentorju li jigi fissat minn din il-Qorti; [4] tordna li l-fond jinbigh bi prezz ta’ mhux anqas minn €105,000; [5] alternattivament, wara li tiddikjara li l-fond mhux komodament divizibbli, tordna l-bejgh tieghu b’ licitazzjoni u li r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; [6] tordna d-divizjoni ta’ l-effetti mobbli li jinsabu fl-istess fond u li ghadhom komuni bejn il-partijiet, f’ porzjonijiiet ugwali, u fin-nuqqas tordna l-bejgh ta’ l-istess, bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet preliminarjament l-inkompetenza ta’ din il-Qorti fir-rigward tat-tielet [3], ir-raba [4] u l-hames [5] talba, stante li azzjoni ghall-izgumbrament ta’ persuna minn fond, kif ukoll ghal bejgh bil-licitazzjoni tikkompeti lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili, u mhux lil din il-Qorti;

Rat l-atti tal-kawza;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq din l-eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi dan il-gudizzju jirrigwarda l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza ta’ din il-Qorti, sollevata mill-konvenuta, in kwantu dak mitlub fl-imsemmija talbiet huma ta’

kompetenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili u mhux ta' din il-Qorti bhala Qorti Civili [Sezzjoni Familja].

Illi l-konvenuta ssostni li permezz ta' dawn it-talbiet, mhux qed tintalab varjazzjoni tal-kuntratt tas-separazzjoni, izda esekuzzjoni ta' l-istess kuntratt; u kawzi ta' zgumbrament minn proprjeta' u kawzi sabiex issir bejgh ta' fond b' licitazzjoni, ma jaqghux fil-kompetenza ta' din il-Qorti kif delineata fl-Avviz Legali 9/2004. Inoltre, f' dan il-kaz l-attur mhux qed jitlob ix-xoljiment u l-qsim tal-likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, izda qed jitlob ezekuzzjoni ta' kuntratt iffirmat bejn zewg partijiet.

Illi minn naha tieghu l-attur qed jilqa' ghal din l-eccezzjoni billi jsostni li l-kwistjoni ta' l-izgumbrament tohrog minn kuntratt ta' separazzjoni. Di fatti kienet saret il-procedura tal-medjazzjoni u l-attur kien gie awtorizzat jipprocedi ghall-kawza. Inoltre, dak mitlub mill-attur ma jikkoncernax il-validita' o meno tal-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi din il-Qorti hija tal-fehema li, gjaladarba l-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali, fejn, inter alia, xoljew, illikwidaw u qasmu l-komunjoni ta' l-akkwisti b' mod li gie stabbilit ukoll x' ghandu jsir mill-fond, u kif ghandha tigi regolata s-sitwazzjoni bejniethom in propozitu, allura l-materja tirrizovli ruhha f' wahda ta' ezekuzzjoni ta' kuntratt iffirmat bejn zewg persuni rigward proprjeta' partikolari li ma baqghetx titqies bhala l-fond matrimonjali . Din il-materja tispetta lil Prim' Awla tal-Qorti Civili, u mhux lil din il-Qorti li allura hija nkompetenti sabiex tittratta dan il-meritu u tiddeciedi dwar l-imsemmija talbiet.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni, u tiddikjara li din il-Qorti m' ghandhiex kompetenza sabiex tiehu konjizzjoni tat-tielet [3], ir-raba' [4] u l-hames talba, tillibera lill-konventua mill-osservanza tal-gudizzju in kwantu ghal dawn it-talbiet.

Spejjez ta' dan il-gudizzju a kariku ta' l-attur.

Tordna l-prosegiwment tal-kawza, in kwantu ghall-kumplament tat-talbiet attrici.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------